# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NRU 298

KAZ NRU 404

Fil-kwistjoni tax-xoghol

bejn

Venera Vella nee' Scicluna

u

Wisco International Ltd

dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta

Data: 6 ta' Mejju, 1987

Chairman: Mr Anthony J.Bartolo MIEEE, T.Eng., FIELecIE, MBIM, MIIM, MIM, FInstD.

1. INTRODUZZJONI

(1) Dan il-kaz gie mibghut quddiem it-Tribunal Industrijali nhar il-21 ta' April, 1986 mill-Onorevoli Ministru tax-Xoghol u Servizzi Socjali skond l-Artikolu 28(2) ta' l-Att XXX ta' l-1976 (kif emendat). Dan il-kaz huwa fuq tkeccija allegata li hi ngusta.

(2) It-Tribunal Industrijali zamm tmintax (18)-il seduta.

(3) L-Appellant, is-Sinjorina Venera Scicluna, kienet assistita mis-Sur Carmelo Cacopardo, BE &A, A & CE.

L-Appellant, is-Sinjorina Venera Scicluna, saret is-Sinjura Vella nee' Scicluna u giet maghrufa hekk mis-seduta li nzammet fis-6 ta' Frar, 1987. Ghal fini li ma jkunx hemm xi interpretazzjoni hazina, l-Appellant tigi maghrufa bhala Venera Vella hawn taht.

(4) Il-Kumpanija Wisco International Ltd kienet irraprezentata mis-Sur Carmelo Wismayer, Chairman, u s-Sur Roland Wismayer, Managing Director, li kienu assistiti mis-Sur Noel Scerri mit-tieni seduta sa l-erbatax(14)-il seduta u fit-tmintax (18)-il seduta.

2. SOTTOMISJONIJIET PRELIMINARI

(1) Is-Sur Carmelo Cacopardo, BE & A; A & CE, ghan-nom tal-Appellant, is-Sinjura Venera Vella, issottometta li l-Appellant kienet impjegata mal-Kumpanija, Wisco International Ltd fuq kuntratt indefinit ta' xoghol mill-24 ta' Lulju, 1979 u giet imkeccija mill-impieg fid-29 ta' Jannar, 1986 bla raguni gusta. Il-paga ta' l-Appellant kienet LM29.88,0 fil-gimgha - jigifieri, l-paga minima.

Is-Sur Carmelo Cacopardo issottometta wkoll il-punti principali tal-kaz li skond l-Appellant wasslu ghall-allegata tkeccija u ghamel it-talbiet ta' dhul lura ghax-xoghol u kumpensi varji, jew jekk it-Tribunal Industrijali ma jordnax li terga' tiehu x-xoghol lura, jaghti kumpens xieraq skond it-termini ta' l-Artikolu 33(2) ta' l-Att XXX ta' l-1976.

(2) Is-Sur Carmelo Wismayer, ghan-nom tal-Kumpanija, Wisco International Ltd, issottometta li l-Kumpanija sejra tipprova li s-Sinjura Venera Vella ma gietx imkeccija, izda tat avviz ta' l-intenzjoni taghha li tittermina l-impieg taghha voluntarjament. Dan ifisser, qal is-Sur Wismayer, li ma jezistiex kaz ta' tkeccija kontra l-ligi u ghalhekk it-Tribunal Industrijali ma ghandux gurisdizzjoni fuq dan il-kaz.

Barra minn dan, is-Sur Carmelo sive Charles Wismayer ghamel sottomissjoni li anke jekk it-Tribunal Industrijali jsib li kien hemm tkeccija, din it-tkeccija kienet gusta u ghal dan il-ghan ipprezenta dokumenti relevanti mas-Sottomisjonijiet Preliminari.

3. DECIZJONI TAT-TRIBUNAL INDUSTRIJALI FL-EWWEL SEDUTA

It-Tribunal Industrijali ddecieda li fl-isfond tad-dikjarazzjoni li ghamlet il-Kumpanija, ghandhom jinstemghu x-xhieda kollha li il-partijiet jiddikjaraw li huma relevanti ma' l-oggezzjoni tal-Kumpanija - jigifieri, jekk kienx hemm tkeccija jew le, sabiex it-Tribunal Industrijali jaghti decizzjoni jekk it-Tribunal Industijali ghandux gurisdizzjoni li jibqa' jisma' l-kaz fuq il-merti mressqa mill-Appellant.

.../3

4. XHIEDA FL-ISTADJU PRELIMINARI

Ic-Chairman tat-Tribunal Industrijali ordna liz-zewg partijiet li f'dan l-istadju u qabel id-Decizzjoni Preliminari l-ezami tax-xhieda u konsegwentament il-kontro ezami ghandhom isiru biss fuq il-punt preliminari li ssemma' f'paragrafu 3 hawn fuq.

Ix-xhieda kif dehru kienu:

(a) Il-Perit Carmelo Cacopardo biex jikkonferma l-awtenticita' tad-dokumenti esibiti, prodott mill-Appellant;
(b) Anthony Desira tad-Dipartiment tax-Xoghol, prodott mill-Appellant;
(c) Venera Vella, l-Appellant innifisha;
(d) Roland Wismayer, Managing Director tal-Kumpanija, prodott mill-Appellant u l-Kumpanija;
(e) Marcel Avellino, - impjegat tal-Kumpanija, prodott mill-Appellant u l-Kumpanija;
(f) Cataldo sive Aldo Gatt, prodott mill-Appellant;
(g) P.S. 448 Charles Zammit, stazzjonat il-Hamrun, prodott mill-Appellant;
(h) Raymond Pizzuto, ex-Book-Keeper u ex-Personnel Officer tal-Kumpanija, prodott mill-Appellant u l-Kumpanija;
(i) Valentino Lanzon, ir-ragel t'oht l-Appellant, prodott mill-Appellant.

It-Tribunal Industrijali ordna konfront bejn ix-xhieda Cataldo Gatt u Marcel Avellino.

Ix-xhieda msemmija hawn fuq dehru waqt it-tieni seduta mizmuma mit-Tribunal Industrijali fl-1 t'Awissu, 1986.

Venera Vella u Aldo Gatt gew prodotti quddiem it-Tribunal Industrijali mill-gdid fid-29 t'Awissu, 1986, sabiex jirrispondu domandi maghmula mit-Tribunal Industrijali, dejjem fuq it-tema jekk kienx hemm tkeccija jew temm ta' l-impieg volontarju. F'din is-seduta, it-Tribunal Industrijali aggorna ghal Gimgha,

5 ta' Settembru, 1986, u ordna li f'din is-seduta jidher it-tabib mediku, Dr Valhmor Zammit, M.D., biex jigi ezaminat mill-Appellant u kontro ezaminat mill-Kumpanija.

Fl-istess seduta, gew prodotti mill-gdid Venera Vella, l-Appellant innifisha; Raymond Pizzuto u Marcel Avellino li sarilhom mistoqsijiet mit-Tribunal Industrijali mill-gdid sabiex jigu iccarati xi punti dwar l-istess punt preliminari.

5. DOKUMENTI IPPREZENTATI QABEL ID-DECIZJONI PRELIMINARI

Is-Sottomissjonijiet Preliminari taz-zewg partijiet b'diversi dokumenti annessi li kienu elenkati mas-Sottomissjonijiet innifishom, gew immarkati Dok. 1 (ta' l-Appellant) u Dok. 2 (tal-Kumpanija). Dawn iz-zewg dokumenti kellhom annessi maghhom dokumenti 'A' sa 'H' fil-kaz ta' Dok. 1 u 'A' sa 'K' fil-kaz ta' Dok. 2 rispettivament. Fit-tieni seduta, il-Kumpanija, fuq talba tat-Tribunal, ipprezentat ittra datata t-18 ta' Lulju, 1986, li biha l-Bord tad-Diretturi ta' Wisco International Ltd. awtorizza lis-sur Carmelo Wismayer u s-sur Roland Wismayer jirrapprezentaw lill-Kumpanija f'dan il-kaz quddiem it-Tribunal Industrijali. Din l-ittra giet immarkata Dok. 3.

6. DECIZZJONI PRELIMINARI

Fl-isfond tax-xhieda bil-gurament, id-dokumenti li gew ipprezentati mas-Sottomissjonijiet Preliminari u b'mod partikolari x-xhieda ta' Roland Wismayer ghall-Kumpanija, Wisco International Ltd;, u ta' l-Appellant, Venera Vella, fir-rigward ta' l-incident li gara bejn iz-zewg partijiet fid-29 ta' Jannar, 1986, waqt li kienu wehidhom fl-ufficcju ta' Roland Wismayer - jigifieri, minghajr l-ebda xhieda - kif ukoll is-Sottomissjonijiet tas-Sur Charles Wismayer fis-Sottomissjonijiet Preliminari "li jekk it-Tribunal Industrijali isib li kien hemm tkeccija, din it-tkeccija kienet gusta," it-Tribunal Industrijali ghandu certezza morali li Venera Vella ma tterminatx l-impieg taghha (ta' Venera Vella) volontarjament u ghaldaqstant it-Tribunal Industrijali ma laqghax is-sottomissjonijiet tal-Kumpanija fuq dan il-punt u ddecieda li

Kaz Nru 404 kien fil-kompitenza tat-Tribunal Industrijali taht il-provvedimenti ta' l-Artikolu 28 (2) ta' l-Att XXX ta' l-1976.

Ghaldaq tant, it-Tribunal Industrijali ta Decizjoni Preliminari fid-19 ta' Settembru, 1986. It-Tribunal Industrijali iddecieda li jibqa' jisma' dan il-kaz nru 404 dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta fuq il-merti tal-kaz innifsu.

Din id-Decizjoni Preliminari giet moqrija liz-zewg partijiet fil-hames seduta mizmuma minn dan it-Tribunal Industrijali fid-19 ta' Settembru, 1986 fl-Awla tal-Qorti Superjuri.

Wara din id-Decizjoni Preliminari xehdu:

(a) Prodotti mill-Appellant:

Carmen Borg, Cataldo Gatt, it-Tabib Valhmor Zammit, u Venera Vella nee' Scicluna, l-Appellant innifisha.

(b) Prodotti mill-Appellant u mill-Kumpanija:

Roland Wismayer, Anthony Wismayer, Raymond Pizzuto u Marcell Avellino.

7. DOKUMENTI

Gew ipprezentati tlieta u hamsin (53) dokument, inkluzi is-Sottomisjonijiet Preliminari taz-zewg partijiet u s-Sottomisjonijiet Finali ta' l-Appellant biss.

8. SOTTOMISJONIJIET FINALI

(a) Ta' l-Appellant:-

Tesponi bir-rispett:

(1) Illi hija kienet tahdem bhala factory girl mal-Kumpanija Wisco International Ltd ta' Wallfield House, Carob Street, Santa Venera.

(2) Illi hija kienet impjegata fuq kuntratt indefinit ta' xoghol nhar l-24 ta' Lulju, 1979, u giet imkeccija mill-impieg fid-29 ta' Jannar, 1986 bla raguni gusta.

(3) Illi hija kienet tircievi l-paga minima bhala salarju, liema paga fil-mument tat-tkeccija kienet tammonta ghall-disgha u ghoxrin lira Maltija u tmienja u tmenin centezmu (LM29.88) fil-gimgha gross.

(4) Illi fil-qosor, il-fatti li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti:

a) nhar it-Tnejn 27 ta' Jannar, 1986, Venera Vella, dak iz-zmien Scicluna, kienet mugugha. It-tabib taghha poggiha fuq kors ta' antibiotici ghal gimgha, bl-intenzjoni li meta ttemmu tkun tista' taghmel operazzjoni minuri f'sieqha,

b) matul il-perijodu bejn is-27 u d-29 ta' Jannar, 1986, ghalkemm mugugha, Venera Vella baqghet tattendi ghax-xoghol u taghmel ix-xoghol kollu taghha,

c) nhar l-Erbgha, 29 ta' Jannar, 1986, Venera Vella kellmet lill-Managing Director tal-Kumpanija, is-Sur Roland Wismayer biex tinfurmah li nhar it-Tnejn, 3 ta' Frar, 1986 kellha taghmel operazzjoni minuri f'sieqha fl-isptar San Luqa,

d) Wara argument li kellu ma Venera Vella, il-Managing Director ordnalhatitlaq il-barra mill-fabbrika u keccieha mill-impieg.

(5) Illi sussegwentament ghat-tkeccija mill-impieg ta' Venera Vella, familjari taghha marru ikellmu lill-Managing Director u ufficjali ohra tal-Kumpanija biex jaghtuhom spjega ta' dak li gara. Wiehed minn dawn l-ufficjali tal-Kumpanija ghamel rapport lill-Pulizija wara li spicca jargumenta mal-qraba ta' Venera Vella li marru jkellmuh.

(6) Illi nhar is-7 ta' Frar, 1986 il-Management hareg certifikat ta' tmiem l-impieg ta' Venera Vella li fih bhala raguni ghala hija spiccat mix-xoghol gie miktub li hi "<u>Left of her own will</u>",

(7) Illi Venera Vella ma accetatx li din kienet ir-raguni ghala gie mitmum l-impieg taghha u ghaldaqstant hi irritornat lura dan ic-certifikat lill-Management biex dan jaghmel il-korrezzjoni/jiet mehtiega, liema korrezzjonijiet baqghu ma sarux sal-llum.

(8) Illi fuq talba ta' Venera Vella sar attentat ta' medjazzjoni mid-Dipartiment tax-Xoghol, izda dan ma sab l-ebda rispons posittiv minn-naha tal-Management.

(9) Illi fis-sottomisjonijiet preliminari taghha l-kumpanija eccepiet lil-Appellant ma tkeccietx mill-impieg izda li hi telqet minn jeddha, dwar liema eccezjoni dan it-Tribunal sema' x-xhieda u ta decizjoni preliminari fil-hames seduta

tad-19 ta' Dicembru, 1986 fis-sens li l-Appellant kienet imkeccija mill-impieg taghha mal-Kumpanija.

(10) Illi l-Kumpanija eccepiet ukoll li f'kaz li t-Tribunal isib li kien hemm tkeccija din kienet gustifikata minhabba:

> "...... five warnings, including final ones, besides numerous verbal warnings by the Management on matters concerning her work. Besides the provocations from her and one of her relatives together with the obscene and threatening language and beating on the office doors"
>
> (sottomissjonijiet preliminari tal-Kumpanija).

(11) Illi s-Sur Roland Wismayer xehed li l-warnings li nghataw lill-Appellant kienu tmienja:

> "...... klassifikati D, E, F, G, H, I, J, K....."

fid-dokumenti mehmuza ma' l-istatement of case tal-Kumpanija. (ara xhieda tas-Sur Roland Wismayer, seduta ta' l-10.10.86, pagna 10, linji 6 - 7).

Is-sur Roland Wismayer xehed ukoll li tnejn biss minn dawn il-warnings kienu final warnings:

> "...... Wahda mill-final warnings kienet F, tas-17 June 1983. Ir-rapport H tat-24th June 1985 ......"

(ara xhieda tas-Sur Roland Wismayer, seduta ta' l-10.10.86 pagna 10, linji 22 - 24).

(12) Illi dan it-Tribunal ghandu jezamina dawn il-warnings fil-kuntest tax-xhieda kollha li nghatat biex jara kemm it-tkeccija ta' l-Appellant ma kienitx motivata minn raguni gusta.

(13) Illi d-dokument Kipprezentat flimkien ma' l-istatement of case tal-Kumpanija ghandu jigi analizzat bhala l-verzjoni tal-Kumpanija ta' l-ahhar incident, l-incident tat-tkeccija, u t-twettiq tat-theddida maghmula mill-Kumpanija fid-dokument I ipprezentat flimkien ma' l-istatement of case tal-Kumpanija.

Id-dokument I, datat 4 ta' Dicembru 1985, ftit anqas minn xahrejn qabel it-tkeccija jhedded li:

> "....... if she persists in not reporting for work with the excuse of being sick, she will be instantly dismissed".

Din kienet ir-raguni rejali tat-tkeccija, li l-Kumpanija ffissat li l-Appellant kienet qed tkun taparsi ma tiflahx, u minghajr ma hadet parir mediku qabdet u hadet d-decizjoni mghaggla li fil-fatt hadet. Fil-fatt is-Sur R Wismayer xehed bil-gurament li kien biss wara l-kaz ta' l-Appellant li l-Kumpanija qabbdet tabib biex jinvista l-impjegati tal-Kumpanija li jkunu morda. (Ara xhieda tas-sur Roland Wismayer seduta tas-26 ta' Novembru, 1986, pagni 1 - 2).

(14) a. Illi d-dokumenti D,E,G,I,J, ipprezentati flimkien ma' l-istatement of case tal-Kumpanija/kollha jittrataw is-sick leave ta' l-appellant, li dwaru gew esebiti diversi certifikati medici fis-seduta tat-18 ta' Frar, 1987,

b. illi kif jirrizulta mix-xhieda ta' Ray Pizzuto, Marcel Avellino, Carmen Borg, Roland Wismayer u l-Appellant nnifisha, kwazi kull meta l-Appellant kienet ma tiflahx il-Kumpanija dejjem bghatet zewg impjegati taghha biex jiccekkjaw li hi kienet fil-fatt id-dar taghha go Santa Venera,

c. illi kull meta kienet ma tiflahx dawn l-Appellant dejjem sabuha d-dar ta' Santa Venera, hlief ghal darba wahda biss kif imsemmi fid-dokument D ipprezentat ma' l-istatement of case tal-Kumpanija meta kienet "at a house in Mosta" u li f'din ic-cirkostanza hadd mill-Kumpanija ma mar jiccekkja jekk l-Appellant kienitx fil-fatt il-Mosta. (Ara x-xhieda guramentata ta' Venera Vella moghtija fis-seduta tas-27 ta' Marzu, 1987, pagna 3).

d. illi l-Appellant m'abbuzatx mis-sick leave ghaliex kull meta hija kienet ma tiflahx dejjem imxiet fuq il-pariri medici li nghatat kif imfisser aktar 'il fuq f'dawn is-sottomissjonijiet, u li ghaldaqstant l-assenza taghha minn fuq il-post tax-xoghol meta kienet ma tiflahx m'hiex raguni gusta ghat-tkeccija u dan minkejja

.../9

dak li ntqal fid-dokument I ipprezentat flimkien ma' l-istatement of case tal-Kumpanija li;

> "..... if she persists in not reporting for work with the excuse of being sick, she will be instantly dismissed".

(15) a. Illi d-dokument F, kategorizzat mill-Kumpanija bhala final warning ghandu jigi analizzat fil-kuntest tax-xhieda moghtija mis-Sur Anthony Wismayer (seduta 26.11.86 pagna 39 linja 9 sa pagna 42) u mill-Appellant (seduta tas-27.3.87 pagna 4 linja 2 sa pagna 7 linja 18) liema xhieda jikkonfliggu f'hafna dettalji,

b. illi dan it-Tribunal ghandu mhux biss jinnota d-differenzi sostanzjali fix-xhieda ta' kif svolgew il-fatti, u kull fejn hemm beneficcju tad-dubju jaghti dan il-beneficcju lill-Appellant, talli jekk titwemmen il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-Kumpanija irid jinghata piz kbir lil dak li qal is-sur Anthony Wismayer fix-xhieda tieghu:

> "Fl-istess gurnata tkellimt jiena mas-Sur Roland li jigi hija u mal-papa' u ddecidejna li nahfrulha ...."

(xhieda tas-Sur A Wismayer, seduta tas-26.11.86 pagna 40) u dan ghax ma jistax ikun illi l-kaz l-ewwel jigi maghluq billi jkun hemm mahfra (jekk kien hemm bzonn) u mbaghad jerga' jinfetah sentejn u nofs wara.

(16) a. Illi d-dokument H li l-Kumpanija ukoll ikklasifikat bhala final warning dwaru ghandu jinghad preliminarjament illi l-Appellant ddikjarat bil-guramentli hi qatt ma ffirmat dan id-dokument (ara xhieda ta' l-Appellant fis-seduta tal-25 ta' Frar, 1987) u li ghaldaqstant dan id-dokument ghandu jigi meqjus bhad-dokumenti l-ohra tal-Kumpanija,

b. illi l-verzjoni tal-fatti moghtija bil-gurament mill-Appellant in konnessjoni ma' dak li jinghad mad-dokument H (ara xhieda moghtija mill-Appellant fis-seduta tas-27.3.87 pagni 7 - 9) jikkonfliggu mal-verzjoni moghtija mix-xhieda tal-Kumpanija, liema xhieda ghandhom fil-fehma ta' l-Appellant jkunu skartati.

.../10

(17) Illi waqt li kien qed jaghti x-xhieda tieghu l-Managing Director semma diversi incidenti ohra li dwarhom il-Kumpanija ma ressqet l-ebda prova. Dawn jinkludu:

i) allegazzjoni li l-Appellant nqabdet tisraq,

ii) allegazzjoni li kienet taghti x-xoghol difficli lil haddiehor u li hi kienet izzomm ghaliha x-xoghol facli,

liema allegazzjonijiet gew michuda kategorikament mill-Appellant minkejja li l-Kumapnija ma ressqet l-ebda prova dwarhom.

(18) Illi kif jidher mix-xhieda guramentata ma tezisti l-ebda raguni biex tiggustifika t-tkeccija ta' l-Appellant, u li ghaldaqstant,

Venera Vella, umilment titlob lil dan it-Tribunal biex wara li jezamina dawn is-sottomissjonijiet, ix-xhieda u d-dokumenti mressqa mill-partijiet, tiddeciedi din il-kwistjoni tax-xoghol billi:

l-ewwel : jiddikjara li t-tkeccija taghha mix-xoghol mal-Kumpanija Wisco International Limited kienet ingusta,

it-tieni : jhassar it-tkeccija u jordna li hija tiddahhal lura ghax-xoghol fl-istess pozizzjoni u bl-istess paga li kellha fil-jum tat-tkeccija,

it-tielet : jordna lil Wisco International Limited biex thallas lil Venera Vella l-pagi kollha kif ukoll il-bonus dovut lilha mill-jum tat-tkeccija sal-jum li tiddahhal lura ghax-xoghol,

ir-raba' : jordna lil Wisco International Ltd biex thallas is-sehem taghha tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurta' nazzjonali ta' Venera Vella,

il-hames : jordna lil Wisco International Limited thallas kumpens xieraq lil Venera Vella liema kumpens ikun determinat mill-istess Tribunal ai termini ta' l-artiklu 33 (2) ta' l-Att XXX ta' l-1976 dwar ir-relazzjonijiet Industrijali.

.../11

B. Il-Kumpanija m' ghamlitx Sottomissjonijiet Finali

9. KONSIDERAZZJONIJIET TAT-TRIBUNAL INDUSTRIJALI

(1) Il-kaz kollu nqala' fuq talba ta' l-Appellant, Venera Vella, lill-Managing Director tal-Kumpanija, Wisco International Ltd., Roland Wismayer, nhar l-Erbgha, 29 ta' Jannar, 1986. Venera Vella talbet biex tmur l-isptar nhar it-Tnejn, 3 ta' Frar, 1986, skond l-ord i tat-tabib taghha, Dr Valhmor Zammit, M.D. Ghal dan il-ghan, l-Appellant, Venera Vella, uriet karta lil Roland Wismayer. Skond ix-xhieda tat-tabib waqt is-smiegh tal-Kaz, kemm qabel id-Decizjoni Preliminari li giet moghtija fis-19 ta'Settembru, 1986, u kif ukoll meta gie msejjah mill-gdid biex jixhed fid-disa' seduta mizmuma fit-18 ta' Frar, 1987, fuq talba tad-difensur tal-kumpanija, is-Sur Noel Scerri, Venera Vella kienet mitluba minnhu biex tmur l-isptar biex isirilha intervent wara li tkun ghamlet kors ta' antibiotici li kellu jispicca jew is-Sibt, 1 ta' Frar, 1986, jew il-Hadd, 2 ta' Frar, 1986.

It-Tribunal Industrijali huwa tal-fehma li ma kien hemm ebda bazi minn naha tal-Kumpanija li tirrifjuta talba ghal gurnata btala mitluba mill-Appellant tliet ijiem tax-xoghol (three working days) qabel il-gurnata mitluba. Fil-fatt, il-Managing Director, Roland Wismayer, waqt ix-xhieda bil-gurament moghtija fis-seduta tat-18 ta' Frar, 1987, irrisponda 'Assolutament le' meta gie mistoqsi mic-Chairman tat-Tribunal jekk kienx hemm xi diffikulta li Venera Vella tiehu gurnata btala t-Tnejn, 3 ta' Frar, 1986. Roland Wismayer xehed ukoll: 'Mr Chairman, jiena qatt ma oggezzjonajtilhom biex jiehdu l-leave, lill-ebda impjegata'. Fl-istess hin, Roland Wismayer xehed aktar minn darba li hu (Roland Wismayer) qallha (lil Venera Vella) biex tmur ghand it-tabib, li wara rrizulta minn xhieda u dokumenti esebiti ohra li kien l-isptar, il-gurnata tas-Sibt. Roland Wismayer evita risposta diretta ghall-mistoqsija tat-Tribunal fir-rigward li la ma kellux oggezjoni li Venera Vella tiehu gurnata btala, mela ghalfejn issugerielha li tmur is-Sibt flok it-Tnejn.

(2) Gie stabilit mit-tabib Valhmor Zammit fix-xhieda tieghu li Venera Vella ma kelliex kellu normali, kif ipprova jfisser Roland Wismayer, izda infezjoni (infected wart) fis-sieq tax-xellug. Il-'Casuality Department' ta' l-Isptar San Luqa iccertifika li t-Tnejn, 3 ta' Frar, 1986, Venera Vella (dak iz-zmien Venera Sciclunа) marret fil-'Casuality Department' u li sarilha (lil Venera Vella) intervent taht loppju lokali (local aneasthetic).

(3) It-Tribunal Industrijali, waqt li jafferma id-Decizjoni Preliminari tas-19 ta' Settembru, 1986, jghid li l-ebda xhud u l-ebda dokument ma pprova li Venera Vella (dak iz-zmien Venera Scicluna) tat xi avviz ta' l-intenzjoni taghha li tittermina l-impieg taghha kif issottomettiet il-Kumpanija.

It-Tribunal Industrijali ikkonsidra li, anke jekk ghal grazzja ta' l-argument, huwa veru li Venera Vella qabdet u telqet, dan ghamlitu taht pressjoni maghmulha mill-Managing Director, Roland Wismayer, kif jidher mix-xhieda tieghu (ta' Roland Wismayer) stess fis-seduta ta' l-1 ta' Awissu, 1986 meta dahal bil-goff fil-meriti ta' l-ordni tat-tabib u pprova jirredikola dak li kienet qieghdha tipprova tfehmu Venera Vella (Venera Scicluna). Waqt ix-xhieda tieghu quddiem it-Tribunal Industrijali, Roland Wismayer qal li ma kellu l-ebda raguni li Venera Vella ma tiehux gurnata btala it-Tnejn, 3 ta' Frar, 1986. Allura, x'kien il-kapricc li jissuggerixxi is-Sibt?

It-Tribunal Industrijali jerga' jafferma li temm ta' impieg volontarju iried ikun veru volontarju u taht l-ebda cirkostanza ma ghandu jkun f'xi sahna ta' demm jew pressjoni. Temm volontarju ta' l-impieg ghandu jkun soggett ta' talba mill-impjegat/a ghal dan l-iskop li ggorr maghha r-risponsabilita tal-perijodu ta' notizja miz-zewg nahat u drittijiet ohrajn li fl-ebda stadju tal-kaz ma ssemmew.

(4) It-Tribunal Industrijali kkonsidra wkoll il-mod qawwi li bih il-Kumpanija permess tad-difensur taghha, is-Sur Noel Scerri, u anke tar-rapprezentanti tal-Kumpanija, is-Sur Carmelo sive Charles Wismayer u s-Sur Roland Wismayer,

iddefendiet il-Kaz tat-tkeccija wara d-Decizjoni Preliminari moghtija fid-19 ta' Settembru, 1986. Dan huwa car mit-'transcripts' tax-xhieda kollha li dehru fis-sitt, is-seba', it-tmienja, id-disa' u l-ghaxar seduti mizmuma bejn l-10 t' Ottubru, 1986 u il-26 ta' Far, 1987, meta xehedet l-Appellant, Venera Vella, li giet ezaminata mis-Sur Carmelo Cacopardo bir-riserva tal-kontro ezami mis-sur Noel Scerri waqt is-seduta li kien imiss u li kellha ssir il-Gimgha, 6 ta' Marzu, 1987, izda fil-fatt giet posposta mic-Chairman ghall-Erbgha, 11 ta' Marzu, 1987. Izda l-kontro ezami ta' l-Appellant mill-Kumpanija ma sarx fis-seduta li nzammet mit-Tribunal Industrijali fil-11 ta' Marzu, 1987.

(5) It-Tribunal Industrijali irid jaghmilha cara li fis-Sottomissjonijiet Preliminari, li jifformaw it-talba tal-parti kkoncernata, il-Kumpanija ghamlitha cara li kellha zewg talbiet alternattivi , wahda li Venera Vella tat avviz ta' l-intenzjoni taghha li ittermina l-impieg mal-Kumpanija, li dan l-avviz ma rrizulta imkien waqt il-proceduri tal-kaz u l-ohra li jekk it-Tribunal Industrijali jregi li dan mhux hekk, allura t-tkeccija kienet gusta. It-Tribunal Industrijali fehem il-kontradizzjoni taz-zewg talbiet tal-Kumpanija, waqt li l-Appellant dejjem zammet is-sottomissjoni ta' tkeccija ngusta.

(6) It-Tribunal Industrijali ra d-dokumenti pprezentati mas-Sottomissjonijiet Preliminari tal-Kumpanija. X'uhud minn dawn id-dokumenti ma jistghux jittiehdu bhala dokumenti. Dan ghaliex:

Dok. 'A'

Dan jikkonsisti fi storja miktuba fuq karta ordinarja, ittajpjata bla data u minghajr firma ta' hadd. Ghaldaqstant, it-Tribunal Industrijali ma jistax jikkonsidra Dok. 'A' validu.

Dok. 'B'

Il-kontenut ta' dan id-dokument, datat 29 ta' Jennar, 1986, ma giex accettat minn Venera Vella u ma jgibx il-firma taghha bhala li ratu. Barra minn hekk, dan id-dokument seta' gie iffirmat f'kull stadju.

It-Tribunal Industrijali innota li, li kieku ghal grazzja ta' l-argument, il-kontenut ta' dan id-dokument kellu jigi kkonsidrat, kieku jidher car li kien hemm xi tip ta' konfront bejn Roland Wismayer u Venera Vella u jsahhah it-tezi li Venera Vella ma tat l-ebda avviz ta' temm ta' l-impieg. Fl-istess dokument, il-'Management' ma ghamel xejn aktar hlief ikkonoxxa l-att ta' Venera Vella bhala 'unauthorised absence'. Il-piena ghal kaz hekk hija rregolata bic-C.E.R.A.

Dok. 'C'

Dan id-dokument, li ma ghandu l-ebda data u huwa ffirmat biss minn Roland Wismayer u Marcel Avellino, ma jistax jigi ikkonsidrat bhala xi evidenza. Fil-fatt, il-kontenut kien is-suggett ta' xhieda bil-gurament li t-Tribunal Industrijali ikkonsidra fil-mizien bhal xhieda ohra.

Dok. 'D'

Jekk il-Kumpanija dahlilha xi dubju fuq ic-certifikat tat-tabib, il-Kumpanija setghet tiehu parir minghand tabib taghha jew tabib iehor barra milli tghajjat lil Venera Vella ghal spjegazzjoni meta rritornat ghax-xoghol wara it-13 ta' Jannar, 1986. Minflok, il-Managing Director, Roland Wismayer, ipprezenta dokument bla data u ffirmat minnu biss.

Dok. 'E'

Dan id-dokument huwa datat 1 t'Ottubru, 1985, aktar minn hmistax-il xahar qabel l-incident tad-29 ta' Jannar, 1986, li wassal ghal dan il-kaz u ma jurix hlief li Venera Vella kienet marida bid-deni, kif fil-fatt wera c-certifikat mediku minn Dr Deguara, M.D., datat 1 t'Ottubru, 1985, li gie prodott lill-Kumpanija wara. Dan ic-certifikat ighid li Venera Vella kellha rih f'sidirha u li ma setghetx tmur ghax-xohgol ghal erbat (4) ijiem. Jidher ukoll mill-istess certifikat li Dr Deguara, M.D., invista lil Venera Vella f'Building G2, Flat 4, Housing Estate, Mosta. Dok. 'E' anness mas-Sottomissjonijiet Preliminari tal-Kumpanija u ffirmat minn Carmelo sive Charles Wismayer u Raymond Pizzuto, ighid li "is-Sur Raymond Pizzuto mar id-dar ta' Venera Scicluna (illum Vella), li qieghda xi mitt metru boghod mill-bini tal-Kumpanija biex jiccekkja fuqha. Oht is-Sinjorina Scicluna qalet lis-Sur Pizzuto li s-Sinjorina Venera Scicluna kellha deni minhabba infezzjoni fil-griezem u li aktar tard igibu c-certifikat tat-tabib".

Id-dokument ikompli ighid li meta s-Sur Pizzuto staqsa jekk xi hadd gharrafx il-Kumpanija fuq dan, huwa gie mgharraf li inso "

It-Tribunal Industrijali ma seta' jaghmel xejn hlief jikkonsidra li dan id-dokument ma kienx twissija (warning).

DOK. 'F'

Ittra li ggib id-data tas-17 ta' Gunju, 1983, addressata: 'TO WHOM IT MAY CONCERN' u ffirmata minn Anthony Wismayer, li ismu gie ittajpjat taht il-firma, u minn Carmelo sive Charles Wismayer, li il-firma tieghu giet maghrufa waqt is-smiegh tal-kaz mit-Tribunal Industrijali, ghaliex ismu ma kienx ittajpjat bhal dak ta' Anthony Wismayer. Hemm ukoll il-firma ta' Carmen Aquilina, ex-impjegata tal-Kumpanija, fuq il-kelma "witness", li din ukoll giet ittajpjata.

Dan id-dokument ighid li Venera Scicluna (illum Vella) kellha hamsin fil-mija tal-produzzjoni difettuza, izda l-ittra giet indirizzata "TO WHOM IT MAY CONCERN".

Kif tista' ittra bhal din li giet ipprezentata bhala dokument mill-Kumpanija sabiex turi t-twissijiet (warnings) li qalghet Venera Scicluna (illum Vella) tigi mehuda bis-serjeta'? Dan barra mill-fatt li l-kaz imsemmi fl-ittra, gara fis-17 ta' Gunju, 1983, aktar minn sentejn u nofs qabel il-kaz tad-29 ta' Jannar, 1986.

F'din l-istess ittra, il-Kumpanija saqsiet lil Venera Scicluna (illum Vella) biex thallas ghall-kalzetti li kienu difettuzi, waqt li qaltilha li l-ahjar soluzzjoni tkun li hi titlaq mill-fabbrika, ghaliex hi (Venera Vella) kellha hafna lmenti.

Venera Scicluna (illum Vella) qalet lill-Kumpanija li hi (Venera) 'ma kienitx ippreparata li thallas u li ghaldaqstant tigi ghall-Ktieb tax-Xoghol it-Tnejn ta' wara u eventwalment telqet.'

.../16

Izda, il-Work Book juri impieg kontinwu bejn il-25 ta' Lulju, 1979 u 29 ta' Jannar, 1986. It-Tribunal Industrijali wiezen fil-keffa tal-mizien il-frazi 'and eventually left the Works' li jispicca biha Dok 'F' mas-Sottomisjonijiet Preliminari kif wizen ukoll il-fatt li l-isem ta' Carmelo sive Charles Wismayer ma kienx ittajpjat bhalma kien dak ta' Anthony Wismayer, b'ittri kbar, u l-kelma 'Witness', b'ittri zghar.

Kieku l-ahher frazi kienet il-verita, il-Ktieb tax-Xoghol kien juri t-tmiem l-impieg f'Gunju, 1983 u d-data ta' meta Venera Vella nee' Scicluna regghat giet impjegata, la gala darba hija spiccat mix-xoghol skond l-istess Ktieb tax-Xoghol u anke ic-Certifikat tat-Tmiem ta' l-Impieg fid-29 ta' Jannar, 1986.

Dok. 'G'

Dan id-dokument huwa rapport iehor iffirmat minn Raymond Pizzuto u Marcell Avellino li fid-9 ta' Frar, 1983. Dawn it-tnejn minn-nies inghataw istruzjonijiet mill-Management biex imorru d-dar ta' Venera Scicluna (illum Vella) u jaraw jekk hux qieghda d-dar. Kif jirrizulta mir-rapport innifsu, Venera Scicluna (illum Vella) kienet id-dar.

Dok. 'H'

Dan id-dokument, li hu datat 24 ta' Gunju, 1985 u ffirmat minn Raymond Pizzuto u Venera Scicluna (illum Vella), huwa twissija (warning) kontra l-fatt li Venera Scicluna (illum Vella) naqset li tispezjona l-produzzjoni.

It-Tribunal Industrijali innota li din it-twissija kienet miktuba minn Raymond Pizzuto bl-Ingliz meta Venera Scicluna (illum Vella) xehedet li ma tifhimx bl-Ingliz.

Dok. 'I'

Dan id-dokument huwa rapport li jgib id-data ta' l-4 ta' Dicembru, 1985 u ffirmat minn Carmelo sive Charles Wismayer u Raymond Pizzuto, li jghid "li Venera Scicluna (illum Vella) irraportat marida fit-2 ta' Dicembru, 1985. Ghaldaqstant u ghaliex

Venera Scicluna tifforma parti mill-linja tal-produzzjoni, il-Kumpanija ddecidiet li minhabba rapporti ohra u twissijiet verbali fuq l-assenzi taghha, il-bonus tal-produzzjoni sejjer jigi mnaqqas jekk ma tergax tidhol ghax-xoghol. Wara, jekk tibqa' ma tidholx ghax-xoghol bl-iskuza li hi marida, l-impieg taghha jigi terminat minnufih. Din it-twissija kollha tittiehed bhala twissija serja u finali".

Dan ir-rapport gie moghti lil Venera Scicluna (illum Vella) li rrifjutat li tiffirmah.

It-Tribunal Industrijali ra c-certifikat ta' Dr Godfrey C Galea li Venera Scicluna (illum Vella) ma setghetx tmur ghax-xoghol ghal tliet ijiem ghaliex kienet qeghda issofri minn infezzjoni. Ma' dan gew prodotti ukoll ic-certifikati tad-Dipartiment tas-Servizzi Socjali (tal-bidu 2.12.85) u tat-Tmiem (5.12.85).

Kif setghet il-Kumpanija taghti twissija finali u tnehhi il-bonus tal-produzzjoni meta kemm skond it-tabib Godfrey C Galea u certifikati ohra Venera Scicluna (illum Vella) kienet marida?

Jekk Venera Scicluna (illum Vella) kienet timrad hafna, il-Kumpanija kellha tidhol fil-kaz bis-serjeta' u tiehu opinjoni medika u legali nikkonkludu jsir imma mhux twissija bit-tmiem ta' l-impieg ghax mardet.

<u>Dok 'J'</u>

Il-Managing Direttur, Roland Wismayer, ghamel rapport fil-5 ta' Dicembru, 1985, iffirmat minnu (Roland Wismayer) u Raymond Pizzuto, li ma kienx presenti ghall-laqgha msemmija f'dan ir-rapport izda ffirmah xorta wahda, li hu (Roland Wismayer) tkellem ma' Venera Scicluna (illum Vella) u rraguna maghha (ma' Venera) li ga la darba qeghda tirrapporta marida minhabba infezzjoni fi griezmejha, jekk jerga jagra xi darba ohra tilbes xi flokk li jkun skuzi t min-naha ta' fuq u b'hekk tkun qed tesponi griezmejha ghall-perikolu ta' infezzjoni ohra, huwa (Roland Wismayer) gibghatha d-dar biex tilbes xi haga ohra li tghomha aktar shuna ghaliex din mhux l-ewwel darba li l-Manager osservalha li jekk tigi libsa hekk fin-nofs tax-xitwa, qieghda taghmel hekk apposta biex timrad u ma tigix ghax-xoghol.

It-Tribunal Industrijali ihoss li l-kontenut ta' dan ir-rapport huwa purili u bla sens u ghalhekk ma kkonsidrahx bhala twissija (warning).

Dok. 'K'

Dan id-dokument jismu 'Report re Miss Venera Scicluna' u datat is-7 ta' Frar, 1986. Dan id-dokument ma giex ikkonsidrat mit-Tribunal Industrijali ghaliex id-data tieghu hija wara il-kaz tad-29 ta' Jannar, 1986.

Izda, kieku ghal grazzja ta' l-argument, it-Tribunal Industrijali kellu jikkonsidra dan id-dokument, it-Tribunal Industrijali jhoss li l-kontenut ta' dan id-dokument (li hu ffirmat minn xi hadd li ismu mhux ittajpjat u ffermat wara spazju ta' aktar minn nofs faccata vojta) kellu jitpogga f'mizien, juri aktar bic-car li l-kaz tad-29 ta' Jannar, 1986 ma spiccax b'terminazzjoni mill-impieg volontarja.

10. DECIZJONI

It-Tribunal Industrijali, wara li studja bir-reqqa il-kaz Nru 404 kif gie pprezentat fis-sottomissjonijiet taz-zewg partijiet, u sema' ix-xhieda qabel u wara d-Decizjoni Preliminari tad-19 ta' Settembru, 1986, u ra d-dokumenti li gew ipprezentati waqt is-smiegh tal-kaz, it-Tribunal Industrijali ddecieda li Venera Vella nee' Scicluna giet imkeccija ingustament u kontra l-ligi.

11. AWARD

It-Tribunal Industrijali huwa tal-fehma li, taht ic-cirkostanzi, it-Tribunal Industrijali m'ghandux jordna li jinghata l-impieg lura, izda jordna lill-Kumpanija, Wisco International Ltd., thallas kumpens lil Venera Vella nee' Scicluna, ta' elf u mitejn lira Maltin (Lm1,200) li ghandhom jithallsu f'zewg pagamenti ta' sitt mitt lira Maltin (Lm600) il-wiehed. L-ewwel pagament ghandu isir sat-30 ta' Mejju, 1987 u t-tieni pagament sat-30 ta' Gunju, 1987.

B'DIN ID-DECIZJONI, IT-TRIBUNAL INDUSTRIJALI JTEMM DIN IL-KWISTJONI TAX-XOGHOL.

ANTHONY J. BARTOLO
Chairman

EDWIN SPITERI
Segretarju